

# Inkomplu Nżejnu Ir-Raħal tagħna b' Armar Ġdid

L-għan ewlieni tal-Kummissjoni Armar u Żgħażagħ Elenjani huwa li tikkonserva l-armar li għandha l-Għaqda tagħna u taħdem sabiex ikollna armar ġdid għall-Festa tagħna. U propju għalhekk li s-sena li għaddiet bdejna narmaw żewġ toroq ġodda li huma Triq Tumas Fenech u Triq Dun Karm Psaila (il-Bypass). Bdejna billi armajna l-arbli u żejjinihom bil-bnadar b'kulur tal-Għaqda tagħna u issa wasalna sabiex din is-sena nibdew inżanżnu sett ta' bandalori.

Dan is-sett ta' bandalori, li huwa sett kbir ta' 20 bandalora, ser ikun fi Triq Tumas Fenech, triq li tasal għall-Kolleġġjata Bażilika Sant'Elena. Kolleġġjata bi storja kbira warajha, Omm il-Parroċċi Maltin. Kif wasalna għall-għażla tad-disinn? Kif wasalna għall-għażla tas-suġġett tal-pitturi?

Eżattament wara li għaddiet il-festa bdejna nitkellmu fuq dan ix-xogħol. Bdejna billi l-kummissjoni iddeċidiet it-tema tal-bandalori. Intgħażlet it-tema tal-Parroċċi li ħarġu matul is-snin mill-Kolleġġjata ta' Birkirkara u tal-Knejjes Filjali li jinsabu fil-Parroċċa tagħna. Birkirkara u l-Parroċċa ta' Sant'Elena għandhom storja kbira warajhom fejn nistgħu ngħidu li ħarġu ħafna Parroċċi mill-lokalità tagħna.

Hawnhekk issa stajna nitkellmu aħjar mal-artisti li kienu se jaħdmu fuq dan il-proġett tal-bandalori. Il-kummissjoni għażlet id-disinn maħdum mill-artist Redian Micallef li huwa ukoll ser jaħdem fuq ix-xogħol ta' sfumar u ħjata. Redian Micallef se jaħdem għall-ewwel darba fir-raħal tagħna però dan l-artist huwa magħruf sew mad-dilettanti tal-festi Maltin. Għax-xogħol fuq il-pitturi ġie magħżul l-artist Kurt Friggieri. Dan l-artist żgur li kull bagrist jafu sewwa għax-xogħol ta' pittura li ħadem fil-passat għas-soċjetà tagħna, b'mod speċjali għax-xogħol li ħadem fl-armar tal-briju. Il-bandalori ser ikun fihom ukoll is-sopraporta li din se tikkumplimenta mad-disinn tal-bandalora.

Wara li għamilna din l-għażla importanti bdejna ix-xogħol min-naħa tal-kummissjoni ħalli nlestu l-ewwel parti fil-ħin għall-festa ta' din is-sena. Bdejna billi ġbarna l-informazzjoni kollha tal-Parroċċi li ħarġu mill-Kolleġġjata ta' Birkirkara u l-knejjes Filjali. Il-Pittura li se taraw hija it-titular ta' kull Parroċċa li ħarġet minn Birkirkara. Kemm jista' ikun ser inżommu mat-titular ta' kull Paroċċa/knejjes filjali u fejn dan jekk ma jkunx possibli se naraw li nsibu xi ħaġa addattata ma' dak it-titular.

Dawn il-Parroċċi huma :

| Isem il-Lokalita/Parroċċa | Is-sena ta' meta twaqqfet | It-Titular tal-Parroċċa |
|---|---|---|
| Ħ'Attard | 1575 | Santa Marija |
| Ħal Balzan | 1655 | Salvatur |
| Ħal Lija | 1594 | Marija Annunzjata |
| L-Imsida | 1867 | (Kunċizzjoni) San Ġużepp |
| Tas-Sliema | 1878 | Stella Maris |
| Il-Ħamrun | 1881 | San Gejtanu (parti) |
| San Giljan | 1891 | San Ġiljan |
| Santa Venera | 1918 | Santa Venera |
| Gżira | 1921 | M.Tal-Karmnu (Tal-Ġebla - parti) |
| San Ġwann | 1965 | Madonna ta' Lourdes |
| San Ġużepp Ħaddiem | 1973 | San Ġużepp Ħaddiem |
| Fleur de Lys | 1975 | Madonna tal-Karmnu |
| L-Ibraġġ | 1999 | Kunċizzjoni |
| Knisja l-Qadima | 2005 | Santa Marija |
| Swatar | 2008 | San Ġorġ Preca |

Knejjes Filjali fil-Parroċċa ta' Sant' Elena :

| Knejjes Filjali | Id-data tal-Knisja |
|---|---|
| Il-Vitorja | 1575 |
| San Pawl | 1538 |
| Is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba | 1575 |
| Santu Rokku | 1593 |
| SantíAntnin u Santa Katarina | 1575 |

Peress li l-lista hija waħda kbira ser nimxu skont kif ħarġu dawn il-Parroċċi u wara dawk Filjali u bil-mod il-mod nasal għal dawn l-20 bandalora li kif għidna ser ikunu qed jintramaw fi Triq Tumas Fenech, liema triq twassalna sal-Kolleġġjata Bażilika Sant'Elena, liema knisja għandha storja hekk kbira għar-raħal tagħna u hija Omm dawn il-Parroċċi. Tajjeb li nsemmi wkoll li minn dawn il-Parroċċi li ħarġu mill-Kolleġġjata tagħna reġgħu ħarġu Parroċċi oħra. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-Parroċċa ta' Sant'Elena hija waħda mill-eqdem Parroċċi fil-gżejjer Maltin u dan aħna l-Karkariżi kburin u lesti li nkomplu nxerrdu l-istorja kbira tar-raħal tagħna.

Il-Kummissjoni qed taħdem ħafna sabiex din il-ħolma isir realtà, però jonqos biss il-ġenerożità tagħkom li kif dejjem għamiltu fil-passat kontu ta' għajnuna f'dak kollu li għamilna għall-ġid tal-festa tagħna. L-ispejjeż huma kbar u nixtiequ li kull min għandu għal qalbu l-festa ta' Sant'Elena jagħti donazzjoni għal dawn il-bandalori sabiex b'hekk inkomplu insebbħu l-festa tant għall-qalb kull Karkariż, il-Festa ta' Sant'Elena.

***Renald Borg***